MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2005

Numru 2/2005

**App Nru 2/05**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kim Said,**
**George Said u**
**Joseph Said**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kim Said, George Said u Joseph Said talli nhar it-23 ta' Mejju 2004 ghal habta tas-2.15 am u nhar id-9 ta' Mejju 2004 ghal habta tas-2.26 am (u wara) fl-istabbiliment La Grotta fi Triq ix-Xlendi, Munxar, Ghawdex liema stabbiliment huwa licenzjat bhala diskoteka taht l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta:

1) bhala l-persuni licenjzati u li organizzaw jew mexxew divertiment jew li kienu responsabbli ghall-organizzazzjoni jew tmexxija tad-divertiment, organizzaw party jew disco fil-miftuh liema disco ma ntemmx fis-2:00 am, bi ksur tar-Reg. 10 tar-Regolamenti biex Jinzamm il-Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment;
2) talli waqt li kienu qed jorganizzaw attivita` (disco) fil-miftuh, din l-attivita` ma spiccatx fis-2:00 am bi ksur tal-Art 36 (b) tal-A.L. 102/2002; u
3) akkuzati ukoll talli fl-istess data u lok wara is-2:00am iggestew attivita` kummercjali fil-berah minghajr permess ta' l-Awtorita` Regolatorja (Art 13 Chap 44);

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-16 ta' Dicembru 2004, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Kim Said, George Said u Joseph Said mhux hatja u illiberathom minn kull akkuza;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali, minnu prezentat fis-7 ta' Jannar 2005 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu fis-sens li l-ewwel qorti interpretat hazin l-artikolu [**recte**: regolament] 36(b) tal-A.L. 102/2002 li jipprovdi ghal massimu ta' hin sas-saghtejn ta' filghodu, u li biex stabbiliment bhal dak li kienu jiggestixxu l-appellati fiz-zmien relavanti ghall-imputazzjonijiet izomm diskoteka sa l-erbgha ta' filghodu irid ikun hemm il-permess tal-Ministru responsabbli ghall-Kummerc (regolament 36(c)). L-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, irriteniet li a bazi tad-dokumenti ezibiti kellu jigi ritenut li l-imsemmi Ministru kien ghogbu jaghti tali estensjoni.

Issa, mill-provi jirrizulta (ara Dokument CSH6) li l-appellati kellhom licenzja, valida ghall-periodu bejn 1/1/04 u 30/12/04, biex joperaw diskoteka sal-erbgha ta' filghodu. Skond kif xehed ir-rappresentant ta' l-Awtorita` Maltija ghat-Turizmu, l-Avukat Dott. Joseph Grech, din il-licenzja

kienet inharget mill-MTA -- li hija l-awtorita` li fl-2004 kienet inkarigata li tohrog dawn il-licenzji[1] -- u kienet ibbazata fuq informazzjoni moghtija precedentement lilha mill-Pulizija (skond id-dokument a fol. 20), liema informazzjoni kienet tghid li wahda mill-kundizzjonijiet tal-licenzja li precedentement kienet tinhareg mill-Pulizija kienet li tista' tinzamm diskoteka fil-post sa' l-4.00 am. Jidher, ghalhekk, li l-MTA minghajr ma ivverifikat mal-Ministeru tal-Kummerc biex tara jekk kienitx saret talba ghal estensjoni taht ir-regolament 36(c) imsemmi u jekk dak il-Ministru kienx laqa' dik it-talba, qabdet u harget il-licenzja msemmija. Ir-rappresentant tad-Dipartiment tal-Kummerc, fid-deposizzjoni tieghu, fisser li huma ma kellhom ebda "records" ta' xi talba ghal tali estensjoni da parti tad-dirigenti ta' l-istabbiliment in kwistjoni.

Din il-Qorti tara li l-kwistjoni kollha tippernja mhux tant fuq l-interpretazzjoni, tajba jew hazina, li l-ewwel qorti tat ta' xi disposizzjoni tal-ligi fir-rigward tal-permess, implicitu o meno, tal-Ministru responsabbli ghall-Kummerc, daqs kemm fuq jekk l-appellati jistghux jinzammu kriminalment responsabbli ghal dak li jidher (ghall-anqas mill-provi li ghandha quddiemha din il-Qorti) li kien essenzjalment zball tal-MTA. Galadarba kienet l-MTA l-awtorita` responsabbli sabiex tohrog il-licenzji fil-periodu relevanti, l-appellati kienu gustifikati li jimxu mal-licenzja li dik l-awtorita` kienet harget, liema licenzja kienet *prima facie* regolari kemm fil-forma kif ukoll fil-kontenut taghha. Jekk, kif jidher li kien il-kaz, kien hemm xi nuqqas da parti tal-MTA (nuqqas ta' konsultazzjoni jew ko-ordinament ma' awtoritajiet ohra), ghal dan in-nuqqas certament ma' ghandhomx iwiegbu kriminalment l-appellati. L-awtorita` kompetenti kellha, se mai, tipprocedi biex b'xi mod thassar jew tissospendi dik il-licenzja (haga li ma jirrizultax li saret), u mhux li jitressqu l-appellati akkuzati b'reati kriminali.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

---

[1] Ara wkoll id-deposizzjoni ta' Mark Rapa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------